MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Numru. 740/2007

PULIZIJA
SPETTUR DANIEL ZAMMIT
SPETTUR CARMELO MAGRI
VS
PAUL CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Camilleri, bin John u Carmen nee' Caruana, imwieled Qormi nhar il-15 ta' Frar 1978 u residenti gewwa PC Court 158, Triq il-Liedna, Fgura, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 592678M u akkuzat:-

1. Talli bejn l-14 ta' Awissu 2007 u l-20 ta' Awissu 2007, flimkien ma persuni ohra, ikkommetta serq minn gewwa l-fabbrika 'S.M. Cables' sitwata f'Bulebel Industiral Estate, Zejtun, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) u bil-hin u liema serq sar ghad-dannu tas-sidien u d-diretturi tal-istess kumpanija;

2. Talli nhar is-26 ta' Awissu 2007 ghal-habta tas-sebgha ta' filghaxija (19.00hrs), flimkien ma persuni ohra, ikkommetta serq minn gewwa l-fabbrika 'S.M. Cables' sitwata f'Bulebel Industrial Estate, Zejtun, liema serq kien ikkwalafikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) u bil-hin u liema serq sar ghad-dannu tas-sidien u d-diretturi tal-istess kumpanija;

3. Talli nhar it-28 ta' Awissu 2007 ghal-habta tas-sebgha u kwart ta' filghaxija (19.15hrs), flimkien ma persuni ohra, ikkommetta serq minn gewwa l-fabbrika 'S.M. Cables' sitwata f'Bulebel Industrial Estate, Zejtun, liema serq kien ikkwalafikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) u bil-hin u liema serq sar ghad-dannu tas-sidien u d-diretturi tal-istess kumpanija;

4. Talli nhar l01 ta' Settembru 2007 ghal-habta tad-disgha u kwart ta' filghaxija (20.45hrs), flimkien ma persuni ohra, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' serq minn gewwa l-fabbrika 'S.M. Cables' sitwata f'Bulebel Industrial Estate, Zejtun, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin (LM1000) u bil-hin;

5. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara gewwa l-fabbrika 'S.M. Cables' sitwata f'Bulebel Industrial Estate, Zejtun, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin lira Maltin (LM50) ghad-dannu tas-sidien u d-diretturi tal-istess kumpanija.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti tat zmien ragonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 41, 261, 263, 264, 267, 270, 278, 279, 325, Artikoli 28A u 28H Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin waqt illi tordna hrug ta' 'compensation order' f'ammont ta' erbat-elef, tmien mija, wiehed u disghin Ewro u tmienja u sittin centezmi (€4,891.68)(LM2,100) li ghandhom jithallsu lill-propretarji ta' 'S.M. Cables' Bulebel Industrial Estate, Zejtun fi zmien sitt (6) xhur.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat huwa 'a first time offender' u li rregistra ammissjoni bikrija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------